MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tas-26 ta' Frar, 2008

Talba Numru. 437/2006

**Talba Nru: 437/06PBC**

**Aaron Borg (ID 593682M)**

**Vs**

**Josephine Farrugia u Fernand Sammut**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur talab il-hlas tas-somma ta' tlett elef, tlett mija u sitt Euros u sitta u sebghin Euro cents (€3,306.76) - (Lm1,419.59c) rapprezentanti skadenzi ta' kera skond l-iskrittura datata

27 t'Ottubru, 2005 u danni li gew ikkagunati fl-istess fond - 18 Porchester House, Triq l-Ghollieq, Flat 5, Mosta .

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuti gew debitament notifikati bl-Avviz, ma kkontestawx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehru ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-attur u l-fatt li l-konvenuti naqsu li jidhru sabiex jirrisponduh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attur tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma ta' tlett elef, tlett mija u sitt Euros u sitta u sebghin Euro cents (€3,306.76) - (Lm1,419.59c), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------